MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 332/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet zzewgu nhar it-23 ta’ Ottubru 2004;

Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt datat 07 ta' Dicembru 2010, fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit, vide kopja hawn annessa u mmaarkata bhala Dok A, u ilhom ighixu separatament ghal aktar minn 4 snin;

Illi inoltre ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment u dan anke ghaliex kull parti rrinunzjat irrevokabilment ghal kull manteniment u ma ghandhomx tfal;

Illi r-rikorrent jrid iholl iz-zwieg fuq imsemmi;

Illi dawn il-fatti huma kollha kkonfermati bil-gurament tieghu (Dok B);

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi :

(1) Ilhom aktar minn 4 snin ighixu separatament;
(2) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
(3) Ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tordna illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Ottubru 2004 jigi mahlul;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor meqjus xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Settembru, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Dicembru, 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------